21 ta' Frar, 1963

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Xuereb, LL.D.**

Paolo Grixti

*versus*

Salvu Dimech

## Spejjeż Ġudizzjarji

*Mod kif għandhom jiġu distribwiti lis-spejjeż meta l-meritu jkun jiddependi minn kontestazzjoni li tinvolvi valuri akbar.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun — *il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma* ta' tliet mija u tletin lira (£330), bilanċ minn seba' mija u tletin lira (£730), prezz ta' xogħol ta' bini, ġebel, tibdiel ta' soqfa u travi, madum, drenaġġ, briex, tikħil, tibjied u żebgħa, tiswija tal-bir u xogħolijiet simili, li b'inkariku u fl-interess tal-konvenut, l-attur għamel fil-fond numru 194, Fleur de Lys Road, Birkirkara; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru, 1958.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li t-talba tal-attur hija infondata billi l-attur m'għamilx xogħol li jiswa seba' mija u tletin lira (£730) kif qed jippretendi, iżda jiswa ħafna inqas, u l-anqas ma bagħat kont dettaljat tax-xogħolijiet lill-konvenut jew ġie imqabbad perit biex jistma ix-xogħol, oltre dan ix-xogħol li sar fil-bini hu difettuż għax mhux qed iżomm l-ilma, u hemm xi difetti oħra li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni fl-istima tax-xogħol.

Omissis......

Ikkunsidrat fuq il-kap ta' l-ispejjeż.

Illi hemm lok ta' mitigazzjoni dwar dana l-kap billi l-attur ma rebaħx kemm talab, hu però ovvju li wieħed ma jridx iħares lejn il-bilanċ biss dovut u dak mitlub, meritu veru talkawża, billi dan ma setax jinħadem ħlief fuq is-stimi taxxogħol kollu u hu fuq dana s-siwi kollu li l-kontendenti verament ma ftehmux; il-valur ta' dina l-kontestazzjoni għandu għalhekk jinfluwixxi ukoll fuq il-proporzjon li għandha tiġi użata f'dana r-rigward, kif ukoll għandu jinfluwixxi l-fatt li l-istima kollha dejjem isir, fl-interess tal-partijiet, la darba l-kumpens ma ġiex miftiehem minnhom preventivament iżda kellu jiġi likwidat skond ma jiswa.

Għal dawn il-motivi u dawka tal-perit Tekniku fis-sens premess;

Il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' £104. 15s 7d. L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.